DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1085

tat-2 ta' Lulju 2015

dwar miżura meħuda mill-Iżvezja, skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-magni tal-injam għan-nar Hammars vedklipp 5,5 hk u Hammars vedklipp 7,5 hk immanifatturati minn Hammars Verkstad AB

(notifikata bid-dokument C(2015) 4428)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

(1) L-Iżvezja infurmat lill-Kummissjoni dwar miżura li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-magni tal-injam għan-nar Hammars vedklipp 5,5 hk u Hammars vedklipp 7,5 hk immanifatturati minn Hammars Verkstad AB, Lustebo 40, SE-790 20 Grycksbo, l-Iżvezja.

(2) Il-magni tal-injam għan-nar kellhom il-marka CE, skont id-Direttiva 2006/42/KE.

(3) Ir-raġuni li tat l-Iżvezja għat-teħid tal-miżura kienet in-nuqqas ta' konformità tal-magni tal-injam għan-nar mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stipulati fil-punti 1.1.2 (Prinċipji ta' integrazzjoni ta' sigurtà) u 1.3.7 (Riskji li għandhom x'jaqsmu mal-partijiet li jiċċaqilqu) tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE billi l-magni m'għandhomx tagħmir ta' lqugħ jew ta' protezzjoni kontra r-riskji minn partijiet li jiċċaqilqu.

(4) Il-Kummissjoni stiednet lil Hammars Verkstad AB biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-miżura meħuda mill-Iżvezja.

(5) Hammars Verkstad wieġbet lill-Kummissjoni li t-tagħmir għall-qtugħ taz-zkuk, li jissostitwixxi kemm serrieq u kif ukoll tagħmir għall-qsim taz-zkuk, kellu livell ta' riskju ferm aktar baxx għall-korriment tal-operatur jekk jitqies bħala sistema. Il-Kummissjoni talbet lill-manifattur għal dokumenti ta' appoġġ li jissostanzjaw l-argument dwar il-klassifikazzjoni tar-riskji bħala parti mill-valutazzjoni tal-konformità li wettqet. Ma waslet l-ebda risposta.

(6) Il-verifika tal-evidenza mogħtija mill-Iżvezja turi li l-magni tal-injam għan-nar Hammars Vedklipp 5,5 hk u Hammars Vedklipp 7,5 hk immanifatturati minn Hammars Verkstad AB, Lustebo 40, SE- 790 20 Grycksbo, l-Iżvezja, ma jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stipulati fid-Direttiva 2006/42/KE, u li dan in-nuqqas ta' konformità jwassal għal riskji serji ta' korriment tal-utenti. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-miżura meħuda mill-Iżvezja titqies bħala ġġustifikata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura li ħadet l-Iżvezja li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-magni tal-injam għan-nar Hammars vedklipp 5,5 hk u Hammars vedklipp 7,5 hk immanifatturati minn Hammars Verkstad AB, Lustebo 40, SE-790 20 Grycksbo, l-Iżvezja, hija ġġustifikata.

([1]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Elżbieta BIEŃKOWSKA
Membru tal-Kummissjoni